MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Numru 1204/2006

Il-Pulizija
(Sp Victor Aquilina)
vs
Owen Mizzi, iben Emanuel, imwieled Pieta' fil-15 ta' diċembru, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-19 ta' awissu, 2006 għal ħabta tat-3.00 p.m. f'Birkirkara, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra liema ħsara tista' ġġib perikolu tal-ħajja jew debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi part ital-ġisem jew difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem jew inkella marda permanent ital-moħħ,

liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' jannar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 216 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin lira maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------